




Is-sistema ta' kontroll għall-Politika ta' Koeżjoni

Kif tiffunzjona fil-perijodu tal-baġit 2007-13



Kontenut

Daħla	3
1. Introduzzjoni: Politika ta' Koeżjoni – Fondi, attivitajiet u baġits fl-perijodu tal-baġit 2007-13	5
2. Is-sistema ta' rendiment u kontroll	6-7
3. Is-sistema ta' kontroll fl-operat tagħha	8-11
4. Is-sistema ta' kontroll matul iż-żminijiet – kif tinbena l-assigurazzjoni	12-13
5. X'jiġri meta jitfaċċaw il-problemi?	14-15

Manuskritt li tlesta f'Ottubru 2009.

© Unjoni Ewropea, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li s-sors jiġi rikonoxxut.

Stampat fl-Belġju

UFFIĊĊJU GĦALL-PUBLIKAZZJONIJIET

UFFIĊĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA

L-2985 Luxembourg

DOI: 10.2776/68950

Ritratti: pàġni 6, 7, 10, 11, 13, 14 © Istockphoto.

Editur: Raphaël Goulet, il-Kummissjoni Ewropea, Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali.

Dan il-fuljett huwa ppubblikat fit-22 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-opinjoni u l-espressi f'din il-pubblikazzjoni huma dawk tal-awtur u mhux neċessarjament jirriflettu il-veduti tal-Kummissjoni Ewropea.

Paweł Samecki

Kummissarju għall-
Politika Reġjonali



Vladimir Špidla

Kummissarju għall-
Impjieg, Affarijiet Soċjali
u Opportunitajiet
Ugwal



Daħla

Il-Programmi tal-Politika ta' Koeżjoni kofinanzjati mill-baġit tal-UE jgħinu sabiex jiġu trasformati ekonomiji reġjonali u nazzjonali permezz ta' investiment fl-infrastruttura, l-iżvilupp tan-negozju, taħriġ, innovazzjoni u l-ambjent; dawn jirrendu tkabbir sostenibbli fuq medda ta' żmien u b'mod sinifikanti jikkontribwixxu lejn it-tkattir tal-impjiegi.

Wieħed mill-fatturi ewlenin għas-suċċess tal-politika hija s-sistema ta' rendiment diċentralizzata. Il-programmi huma ġestiti fil-livell reġjonali u lokali u għalhekk il-proġetti magħżula jikkorrispondu mal-prijoritajiet f'dawk il-livelli. Iżda dan huwa assoċjat ma' riskju ta' kontroll akbar minħabba li jżid in-numru ta' korpi involuti u jtawwal il-katina ta' kontroll.


Sabiex jiġi żgurat li l-flus tal-persuni taxxabbli fl-Unjoni Ewropea jiġu użati b'mod korrett, huwa meħtieġ li jkun hemm taħriġ tajjeb u gwida sabiex jiġi żgurat li daww kollha involuti jifhmu sewwa r-regoli li japplikaw, u huwa meħtieġ li jkun hemm kontrolli effettivi sabiex jiġu nnottati u korretti l-iżbalji u sabiex il-frodi attentata tiġi skoraġġita.

Aħna nemmnu li bil-benefiċċju ta' qafas legali aktar ċar u b'saħħtu għall-perijodu ta' programm 2007-13, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu flimkien jħaddmu b'mod effettiv is-sistema ta' kontroll għall-Politika ta' Koeżjoni sabiex jinkisbu l-istandards mistennija mill-persuni taxxabbli tal-UE u sorveljati mill-Parlament Ewropew.

Paweł Samecki

Vladimir Špidla

Allokazzjoni ta' fondi tal-UE għall-Politika ta' Koeżjoni fl-2007-13 lil kull Stat Membru, f'miljuni ta' €



1

Introduzzjoni: Politika ta' Koeżjoni – Fondi, attivitajiet u baġits fil-perijodu tal-baġit 2007-13

Il-finanzjament tal-Politika ta' Koeżjoni huwa mwassal permezz ta' Programmi Operazzjonali ta' seba' snin minn tliet fondi:

- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF), li jiffinanzja proġetti ta' infrastruttura, investiment ambjentali, rinnovament urban, żvilupp ekonomiku lokali inklużi intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, u kooperazzjoni transkonfinali u interreġjonali;
- Il-Fond Soċjali Ewropew (ESF), li jiffinanzja taħriġ, b'mod speċjali għall-gruppi żvantaġġati fis-soċjeta' u dawk qiegħda, u l-iżvilupp tal-edukazzjoni u ta' sistemi ta' taħriġ;
- Il-Fond ta' Koeżjoni, strument separat b'regoli speċjali għall-finanzjament tal-infrastruttura tat-trasport u l-ambjent.

€347.410 biljun ta' fondi mill-Unjoni Ewropea – jew madwar €50 biljun fis-sena, terz tal-baġit tal-UE – huwa disponibbli għall-Istati Membri sabiex inaqqsu d-diskrepanzi fl-iżvilupp reġjonali u soċjali matul il-perijodu Finanzjarju ta' Perspettiva tal-2007-13.

L-ERDF u l-ESF huma 'il-Fondi Strutturali' oriġinali u jintużaw fi ħdan l-Unjoni Ewropea kollha. Il-Fond ta' Koeżjoni ġie stabbilit fl-1992 u huwa limitat għall-pajjiżi b'DGN ta' anqas minn 90% tal-medja għall-Istati Membri UE-25 fuq il-perijodu 2001-03. L-allokazzjonijiet tal-baġit għall-Politika ta' Koeżjoni għall-kull Stat Membru huma relatati mal-popolazzjoni u l-PGD nazzjonali.

2

Is-sistema ta' kontroll u rendiment

Rendiment diċentralizzat jirrikjedi sistema ta' kontroll integrata f'iktar minn livell wieħed

L-infiq tal-Politika ta' Koeżjoni huwa ġestit konguntemment bejn il-Kummissjoni u s-27 Stat Membru, taħt sistema denominata bħala 'ġestjoni konġunta'. Huwa element essenzjali tal-politika li hija diċentralizzata, fejn l-Istati Membri u r-reġjuni jieħdu r-rwol prinċipali fit-teħid tad-deċiżjoni ta' kif għandhom jintużaw il-flus u jgħorru r-responsabbiltà għall-ġestjoni korretta tagħhom. Fi ħdan l-Istati Membri, hemm involuti mijiet ta' organizzazzjonijiet fil-ġestjoni ta' partijiet differenti tal-Programmi Operazzjonali, u mijiet ta' eluf ta' benefiċjarji li jimplimentaw proġetti individwali. Il-Kummissjoni għandha rwol ta' sorveljanza biex tiżgura li l-infiq ikun konformi mal-prijoritajiet strateġiċi miftiehma u mar-regoli finanzjarji. Hija responsabbli skond it-Trattat KE għall-implimentazzjoni korretta tal-baġit. Tnejn mid-dipartimenti tagħha huma primarjament responsabbli għas-sorveljanza tal-infiq tal-Politika ta' Koeżjoni, jiġifieri d-Direttorati Ġenerali għall-Politika Reġjonali u għall-Impjieġ, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Ugwali.

L-għanijiet u l-prijoritajiet għall-użu tal-fondi huma stabbiliti f'Programmi Operazzjonali individwali fil-livell nazzjonali jew reġjonali nneozjati bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru u approvati formalment mill-Kummissjoni. Hemm 316-il Programm Operazzjonali fil-perijodu 2007-13. L-awtoritajiet tal-programm jagħżlu l-proġetti sabiex jiksbu l-għanijiet stabbiliti u li għalihom jikkontribwixxu l-fondi. Matul il-perijodu l-Istat Membru regolarment jiddikjara l-ispiża tal-programm lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni tirrifondi l-kontribuzzjoni miftiehma tal-UE. Il-benefiċjarji għandhom sal-aħħar tal-2015 sabiex ilestu proġetti u jippreżentaw l-ispiża. L-awtoritajiet tal-programmi mbagħad jippreżentaw it-talba finali għall-ispiża u l-programm jiġi magħluq permezz ta' pagament finali lill-Istat Membru.

Regoli u kundizzjonijiet jirrikjedu kontrolli effettivi kif ukoll prevenzjoni

Il-finanzjament ta' proġetti taħt Programm Operazzjonali huwa suġġett għal ċerti regoli u kundizzjonijiet, stabbiliti parzjalment fil-livell tal-UE u parzjalment fil-livell tal-Istati Membri. Dawn ir-regoli huma stabbiliti sabiex jiżguraw valur għall-flus, ġestjoni korretta tal-programmi u konsistenza mal-politiki Komunitarji.



Ir-regoli jirregolaw b'mod partikolari:

- il-lok u t-tip ta' attivitajiet kofinanzjati,
- il-kriteriji għall-għażla tal-proġetti,
- valutazzjoni tal-benefiċċji meta mqabbla man-nefqa u l-gwadann potenzjali tal-proġetti,
- il-perijodu li fih l-ispiża tista' titwettagħ,
- il-proporzjon minimu tal-infiq li huwa meħtieġ fuq proġetti li jaqdu prijoritajiet tal-UE bħall-innovazzjoni, it-ktattir tal-impjiegi u l-ambjent,
- l-attivitajiet esklużi jew ristretti jew kategoriji ta' infiq,
- iż-żamma ta' dokumenti ta' appoġġ fuq perijodi minimi għal għanijiet ta' verifika,
- pubbliċità adegwata,
- tendering kompetittiv, valutazzjoni tal-impatt fuq l-ekonomija, s-soċjetà u l-ambjent, u konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna Statali, fejn applikabbli.

Ir-regoli komplikati wisq?

Ħafna mir-regoli dettalijati dwar l-eliġibbiltà huma stabbiliti fil-livell nazzjonali, li jfisser li l-Istati Membri jistgħu jiżguraw li jkunu ċari u diretti biex jiġu applikati u li jiġu mifhuma sewwa mill-benefiċjarji.

Il-Kummissjoni wettqet reviżjoni tal-leġislazzjoni ma' esperti nazzjonali sabiex tidentifika 'simplifikazzjonijiet' possibbli. Saru ftit tibdiliet fir-regolamenti lejn l-aħħar tal-2008 u l-ewwel nofs tal-2009, u għandhom jiġu addottati proposti ulterjuri sal-aħħar ta' din is-sena.

Ċertu livell ta' kumplessità huwa inevitabbli, kemm minħabba n-neċessità li jiġi żgurat li €347 biljun jiġu użati għall-għanijiet intenzjonati, u minħabba li għandhom jiġu applikati r-regoli ta' politiki Komunitarji oħra bħall-għajnuna Statali u l-akkwist pubbliku.

Taħt il-ġestjoni konġunta, l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-kontroll tal-ispiża tal-programm, filwaqt li l-Kummissjoni twettaq rwol ta' sorveljanza fuq is-sistemi nazzjonali. Il-livelli differenti ta' kontroll għandhom ikunu indipendenti minn xulxin sabiex jaqdu il-funzjonijiet tagħhom korrettement. Fl-Istati Membri hemm tliet livelli ta' kontroll, u l-korpi korrispondenti f'kull programm huma l-Awtorità ta' Ġestjoni, l-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni u l-I-Awtorità ta' Verifika. Is-sistema ta' kontroll f'aktar minn livell wieħed hija integrata abbażi ta' responsabbiltajiet kjarment definiti għall-atturi varji, standards stabbiliti għax-xogħol meħtieġ, u sistemi ta' rappurtar u mekkaniżmi ta' segwitu sabiex kull livell ta' kontroll jibni fuq dak ta' qablu, bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż, b'mod partikolari, fuq il-benefiċjarji. Din l-integrazzjoni hija msejġha l-approċċ ta' 'Verifika Unika'.

Miżuri ta' prevenzjoni huma parti mill-istrateġija komplessiva ta' kontroll. Id-disseminazzjoni tal-informazzjoni hija element essenzjali ta' sistema tajba ta' ġestjoni u kontroll u tgħin fil-prevenzjoni ta' problemi u tkattar il-konformità.

Fost l-attivitajiet tagħhom ta' informazzjoni, l-awtoritajiet tal-programm huma rikjesti jinvestu fil-gwida u t-taħriġ ta' benefiċjarji u korpi involuti fl-implimentazzjoni tal-programmi. Il-Kummissjoni ukoll tipprovdi gwida u taħriġ, iżda biex dan iħalli impatt, jeħtieġ li din l-informazzjoni titwassal lill-benefiċjarji.



3

Is-sistema ta' kontroll fl-operat tagħha


3.1 Il-funzjonijiet essenzjali ta' kontroll – Awtoritajiet ta' Ġestjoni u ta' Ċertifikazzjoni

L-Awtorità ta' Ġestjoni hija l-ewwel livell ta' kontroll u għandha r-responsabbiltà ewlenija li tiżgura li l-programm jiġi implimentat b'mod effettiv u korrett. Hija meħtieġa:

- li tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula għall-programm jikkonformaw mal-kriterji;
- li tagħti parir lill-benefiċjarji dwar x'għandhom jagħmlu sabiex jilħqu it-termini u l-kundizzjonijiet tal-finanzjament;
- li tinstalla u topera kontrolli interni sabiex tiċċekkja li l-ispiża ppreżentata mill-benefiċjarji tkun regolari;
- li tikkoreġi spiża irregolari billi tirtirha mit-talba għall-pagament u tirkupra kwalunkwe għotja diġà mħallsa mill-benefiċjarji;
- li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm u tibgħat lill-Kummissjoni rapporti annwali dwar il-prestazzjoni, li jiġu diskussi mal-Kummissjoni waqt laqgħat annwali, u rapport finali li fil-qosor jirrapporta l-implimentazzjoni tal-programm kollu.

Kontrolli fl-ewwel livell – l-ewwel linja ta' difiża

Il-kontrolli ta' kuljum fl-ewwel livell mill-**Awtoritajiet ta' Ġestjoni** – 'verifikazzjonijiet ta' ġestjoni' – huma l-fundament tas-sistema ta' kontroll. Dawn jikkonsistu f'desk checks komprensivi fuq dokumenti bħal listi ta' irċevuti u rapporti ta' progress jew rapporti finali li jakkumpanjaw talbiet għal flus minn promoventi tal-programm, u żjarat fuq il-post għal proġetti magħżula permezz ta' metodoloġija tajba ta' teħid ta' kampjun. Id-desk checks tipikament ikopru evidenza li l-proġett irrenda l-investment, taħriġ jew servizzi oħra mħallsa u li l-ispiża hija korretta, eliġibbli u riżultanti mill-proġett. Matul żjarat fuq il-post il-kontrolluri jivverifikaw dawn l-elementi u s-sodisfazzjon ta' kundizzjonijiet oħra ta' finanzjament premezz ta' ispezzjonijiet fiżiċi, intervisti mal-persunal u eżaminazzjoni tal-kontijiet u rekords dokumentarji inkluż dawk marbuta ma' proċeduri tat-tendering.



Nota: il-vleġeġ blu juru l-fluss tal-verifiki, il-vleġeġ oranġo juru l-fluss tal-ispiża mitluba u l-vleġeġ ħodor juru l-verifiki operazzjonali.

X'verifiki twettaq l-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni qabel tiċċertifika l-ispiża lill-Kummissjoni?

L-**Awtorità ta' Ċertifikazzjoni** m'għandhiex tippreżenta talba għall-flus lill-Kummissjoni sakemm ma tkunx kompletament sodisfatta li twettqu kontrolli xierqa. Hija teżamina u tivvaluta l-informazzjoni li tirċievi mill-Awtorità ta' Ġestjoni dwar il-verifiki tal-benefiċjarji u tiċċekkja d-dejta fuq il-proġetti fis-sistema tal-IT, u titlob kjarifiki fejn dawn ikunu neċessarji. Hija tiegħu kont ukoll tar-rapporti disponibbli tal-Awtorità ta' Verifika dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll. Filwaqt li m'għandhiex tidduplika x-xogħol tal-Awtorità ta' Ġestjoni, l-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni tista', jekk dan ikun neċessarju, twettaq verifiki addizzjonali hija stess jew tqabba lill-oħrajn jagħmlu dan.

It-tieni livell essenzjali ta' kontroll fl-Istat Membru

hija l-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni, li l-funzjoni tagħha hija li tiċċertifika lill-Kummissjoni li l-ispiża ddikjarata għar-rimborż hija preċiża, ir-riżultati ġejjin minn sistema affidabbli ta' kontabbiltà, u tikkonforma mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli. Hija tirċievi t-talbiet għall-flus tal-ispiża mill-Awtorità ta' Ġestjoni u twettaq verifiki qabel ma tinkludihom fit-talba ċertifikata għall-flus li tintbagħat lill-Kummissjoni.

3.2 Ir-rwol tal-verifikazzjoni

Ix-xogħol ta' verifikazzjoni fil-livell nazzjonali jivverifika l-funzjonament effettiv tal-kontrolli mill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u ta' Ċertifikazzjoni sabiex jiddetermina jekk jibqax riskju li tiġi ċertifikata spiża irregolari. Fejn ix-xogħol ta' verifikazzjoni jikxef defiċjenzi, l-awdituri joħorġu rakkomandazzjonijiet. Għaldaqstant, jiġi pprovdut segwitu dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll. Verifiki mill-korpi tal-UE jeżaminaw il-funzjonament komplessiv ta' sistemi nazzjonali ta' kontroll. Il-verifiki, madanakollu, ma jistgħux jagħmlu tajjeb għal kontrolli ineffettivi fl-ewwel livell jew nuqqas ta' iċċekkjar qabel iċ-ċertifikazzjoni tal-ispiża.

Ir-rwol tal-Awtorità ta' Verifika – twestaq verifiki sabiex tibni l-assigurazzjoni

L-Awtorità ta' Verifika (jew Awtoritajiet ta' Verifika) fl-Istat Membru għandha/għandhom funzjoni ewlenija fil-bini tal-assigurazzjoni fis-sistema permezz tal-prestazzjoni ta' responsabbiltajiet imposti mir-regolamenti, fil-bidu tal-perijodu, matul l-implimentazzjoni u fl-għeluq.

Ir-rwol tal-Awtorità ta' Verifika

Matul l-implimentazzjoni tal-programm, l-Awtorità ta' Verifika tivverifika l-effettività tal-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll u tirrapporta dwar ix-xogħol tagħha f' rapport annwali ta' kontroll lill-Kummissjoni, akkumpanjat minn opinjoni ta' verifika. Ix-xogħol tagħha huwa bbażat fuq strateġija ta' verifika, approvata mill-Kummissjoni fil-bidu tal-implimentazzjoni u aġġornata regolarment. Hija stabbilita metodoloġija standard għax-xogħol ta' verifika tal-Awtorità ta' Verifika bbażata fuq sistemi ta' valutazzjoni appoġġati minn ittestjar sostantiv tal-ispiża ddikjarata tal-proġett fuq perijodu ta' referenza ta' 12-il xahar. Il-metodoloġija, li tinvolvi t-teħid ta' kampjun għall-istatistika, tippermetti rata ta' żbalji rappreżentattiva li tiġi determinata għal kull programm jew grupp ta' programmi kull sena, li hija indikazzjoni tal-funzjonament effettiv tas-sistemi jew tal-bżonn ta' titjib. L-Awtorità ta' Verifika tipprovdni segwitu fuq is-sejbiet tagħha lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u ta' Ċertifikazzjoni u tiċċekkja li r-rakkomandazzjonijiet tagħha jiġu implimentati.

Fl-aħħar tal-implimentazzjoni tal-programm, l-Awtorità ta' Verifika hija responsabbli għad-dikjarazzjoni tal-għeluq u r-rapport lill-Kummissjoni.

Ir-rwol tal-Kummissjoni – sorveljanza

Fil-livell tal-UE, ir-rwol **Kummissjoni** huwa li **tissorvelja** l-konfigurazzjoni korretta u l-operazzjoni tas-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri permezz ta':

- il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità (ara punt 4), approvazzjoni tal-istrateġiji tal-verifika u skrutinju tar-rapporti annwali ta' kontroll u opinjonijiet ta' verifika;
- twestiq ta' verifiki fi Stati Membri sabiex tikseb assigurazzjoni li s-sistemi qegħdin jaħdmu b'mod effettiv. Il-Kummissjoni tiffoka fuq l-affidabbiltà tax-xogħol tal-Awtoritajiet ta' Verifiki sabiex jipprovdu din l-assigurazzjoni permezz tar-rapporti annwali ta' kontroll u opinjonijiet ta' verifika. Addizzjonalment, hija timmira l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u/jew l-Awtoritajiet ta' Ċertifikazzjoni lejn programmi ta' risku għoli;
- tissorvelja informazzjoni rappurtata minn Stati Membri dwar irregolaritajiet u irkupri ta' fondi li mhux suppost tħallsu;
- tipprovdni gwida formali sabiex tistabbilixxi benchmarks u xxerred prattika tajba. Kwistjonijiet regolatorji u ta' kontroll jiġu diskussi fil-kumitat ta' ġestjoni kompost minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-Istati Membri (il-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Fondi, COCOF), fil-grupp ta' ħidma tekniku tal-Kumitat Konsultattiv ESF u fil-laqqgħat tekniċi mal-Awtoritajiet ta' Verifika; u
- tiċċekkja fl-għeluq tal-programm li l-finanzjament tal-programmi ikun ġġustifikat sewwa.

Il-Kummissjoni tissorvelja ukoll il-ġestjoni tal-programmi permezz tar-reviżjoni tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni, partizzipazzjoni fil-laqqgħat tal-kumitat ta' sorveljanza, fejn l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-programmi tiġi diskussa, u l-iskrutinju tat-talbiet għall-ħlas.

Is-servizzi tal-Kummissjoni fi ħdan id-Direttorati Ġenerali għall-Politika Reġjonal u għall-Impjieġ għandhom strateġija ta' verifika sabiex tinkiseb assigurazzjoni dwar il-konfigurazzjoni effettiva u l-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fuq perijodu ta' snin, bbażata fuq l-eżaminazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u r-riżultati tal-verifiki tagħhom stess.

Huma jipprovdu valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi fi Stati Membri differenti u programmi fir-Rapporti ta' Attività Annwali tagħhom. Il-programm ta' verifika huwa stabbilit abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju b'kont partikolari meħud tal-ammonti ta' fondi tal-UE inkwistjoni u fatturi ta' riskju marbuta ma' dgħufija magħrufa fil-korpi ta' ġestjoni u tat-tipi ta' operazzjonijiet u benefiċjarji. Jekk ma jittiħdux miżuri korrettivi fil-pront minn Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tinterrompi jew tissospendi l-ħlas u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji sabiex tirkupra pagamenti preċedenti li jkunu saru (ara punt 5).

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) – l-awditur estern

Darba fis-sena, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tagħti 'Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni'¹ dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-ispiża tal-UE fl-oqsma varji tal-baġit matul is-sena finanzjarja preċedenti. Il-valutazzjonijiet huma bbażati fuq verifiki mwettqa mill-Qorti fl-Istati Membri u l-Kummissjoni u huma ppubblikati fir-rapport annwali tal-Qorti, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni.

Sabiex tasal għall-valutazzjoni annwali tagħha fil-qasam tal-Politika ta' Koeżjoni, il-Qorti tivverifika kampjun rappreżentattiv ta' madwar 180 proġett fl-Istati Membri u teżamina ukoll l-effettività tas-sistemi ta' kontroll operati fl-Istati Membri għall-programmi kkonċernati u x-xogħol ta' sorveljanza tal-Kummissjoni.

3.3 DAS u liberazzjoni

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiskrutinaw l-użu tal-fondi tal-UE fil-proċedura annwali ta' liberazzjoni, li ssir min-Novembru sa April, li fi tmiemha l-Parlament jivvota dwar l-għoti, lill-Kummissjoni, ta' liberazzjoni fuq il-kontijiet u l-baġit. Ir-rapport annwali tal-Qorti, rapporti speċjali u r-risposti mill-Kummissjoni huma s-sors materjali prinċipali għal-liberazzjoni inkwistjoni. Il-valutazzjoni tal-Qorti tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll għall-ispiża tal-Politika ta' Koeżjoni fuq il-perijodu tal-

baġit 2000-06 kienet li mhumiex suffiċjentement effettivi, minħabba ir-rata għolja ta' żbalji li nstabu fl-ispiża rifonduta. Il-Qorti għadha ma ppronunzjatx l-opinjoni tagħha dwar l-effettività tal-arranġamenti ta' kontroll għall-perijodu 2007-13. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill (l-Awtoritajiet Baġitarji) joħorġu wkoll fil-proċedura ta' liberazzjoni, serje ta' rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni u partijiet interessati oħra involuti fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE. Il-Qorti issegwi l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u tinkludi osservazzjonijiet dwar il-progress magħmul f'rapporti sussegwenti lill-Awtoritajiet Baġitarji.



¹ Magħrufa bħala 'DAS', mit-terminu Franċiż 'Déclaration d'Assurance'.

Għaliex il-Politika ta' Koeżjoni għadha ma rċevietx opinjoni pożittiva mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u x'qed isir?

L-ispiża tal-Politika ta' Koeżjoni hija waħda mill-iktar oqhma kumplessi tal-baġit, b'riskju inerenti għoli li jirrendi l-kontroll effettiv bħala sfida. Hemm raġunijiet għaliex wieħed jaħseb li r-rata ta' żbalji fl-ispiża mill-programmi fil-perijodu 2007-13 għandha tkun b'mod sinifikanti aktar baxxa minħabba t-titjib fis-sistemi ta' ġestjoni matul il-perijodu preċedenti f'ħafna Stati Membri, minħabba r-rekwiżiti ta' kontroll aktar ċari u strinġenti introdotti fil-leġiżlazzjoni għall-perijodu 2007-13, u minħabba l-verifika tal-konfigurazzjoni tas-sistemi permezz ta' proċess ta' valutazzjoni ta' konformità qabel ma jsiru xi pagamenti mill-Kummissjoni.

Fl-2008/9 il-Kummissjoni wettqet Pjan ta' Azzjoni sabiex tħaffef it-titjib għall-programmi l-ġodda u sabiex tiżgura li titneħħa l-ispiża irregolari mill-programmi 2000-06 qabel l-għeluq. Il-Pjan ta' azzjoni, li segwa mill-qrib ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, kellu strateġija doppja:

- li tgħin Stati Membri jiċċekkjaw aħjar l-eliġibbiltà tal-ispiża tal-proġett qabel ma jippreżentaw talbiet għall-ħlas lill-Kummissjoni;
- li tiegħu miżura aktar iebsa sabiex twaqqaf pagamenti jew tirkupra flus lura jekk Stat Membru jaqa' taħt l-istandards.


Il-Kummissjoni qajmet ukoll il-mistoqsija dwar liema benchmarks, f'termini ta' rati ta' żbalji għandhom jintużaw mill-Qorti tal-Awdituri fil-valutazzjoni tagħha tas-sistemi f'oqhma differenti ta' politika (ara 'Lejn ftehim komuni dwar il-kunċett ta' riskju tollerabbli', COM(2008) 866). Għall-programmi ta' Politika ta' Koeżjoni li huma implimentati fuq perijodu ta' disa' snin b'kontrolli li joperaw fuq bażi multi-annwali, l-għan huwa li jiġi żgurat li sal-għeluq tal-programm ikun hemm livell baxx ħafna ta' żbalji minħabba li sa dak il-ħin, l-ispiża tkun għaddiet mill-livelli kollha ta' ġestjoni u kontroll.



4

Is-sistema ta' kontroll matul iż-żmien – kif tinbena l-assigurazzjoni

L-assigurazzjoni fir-rigward tal-effettività tas-sistema ta' kontroll fil-prevenzjoni, is-sejbien u l-korrezzjoni tal-irregolaritajiet tiġi mibnija matul il-perijodu sħiħ ta' programmar. L-elementi essenzjali tal-assigurazzjoni huma murija fl-istampa li ġejja.



Ex ante – konfigurazzjoni tas-sistema ta' kontroll

Fin-**negozjati** dwar il-programmi operazzjonali, il-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet tal-programm huma magħżula b'mod xieraq u li kwalunkwe problemi li jkunu nstabu fis-sistemi fil-perijodu preċedenti jiġu ttrattati adegwament.

Wara l-approvazzjoni tal-programm, il-proċedura tal-**valutazzjoni tal-konformità** tagħti assigurazzjoni dwar il-konfigurazzjoni sodisfaċenti tas-sistema ta' kontroll qabel ma tiġi rifondata kwalunkwe spiża. Fi żmien tmax-il xahar mill-approvazzjoni tal-programm, korp nazzjonali ta' verifika – ħafna drabi l-Awtorità ta' Verifika – toħroġ ċertifikat ta' konformità fir-rigward tas-sistemi ta' kontroll interni tal-programm. Il-Kummissjoni tevalwa ir-rapport ta' valutazzjoni ta' konformità u l-opinjoni sabiex tiżgura li tkun konsistenti u affidabbli. Huwa biss wara li jkunu tteħdu kwalunkwe miżuri korrettivi neċessarji u li l-Kummissjoni tkun sodisfatta li s-sistema ta' kontroll tissodisfa r-rekwiżiti regolatorji, li tibda ttrifondi l-ispiża tal-programm. Fil-bidu tal-perijodu tal-programm, il-Kummissjoni teżamina u tapprova l-istrateġija ta' verifika ppreżentata mill-Awtorità tal-Verifika fi żmien disa' xhur mill-adozzjoni tal-programm.

Matul l-implimentazzjoni tal-programm

Il-Kummissjoni tikseb l-assigurazzjoni tagħha miċ-ċertifikazzjoni tal-ispiża mill-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni (ara punt 3.1) u r-rapport annwali ta' kontroll u l-opinjoni ta' verifika tal-Awtorità ta' Verifika (ara punt 3.2), kif ukoll mir-riżultati tax-xogħol ta' verifika tagħha stess (ara punt 3.2).

Il-kontabbilità tal-Istati Membri

Element ieħor ġdid tas-sistema ta' kontroll ġie introdott bir-reviżjoni tal-2006 tar-Regolament Finanzjarju li jirregola il-fondi tal-UE. L-Istati Membri, fil-livell adatt fl-amministrazzjoni ċentrali tagħhom, għandhom jippreżentaw sal-15 ta' Frar ta' kull sena, **'Suċċint Annwali'** taċ-ċertifikazzjonijiet mill-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni u l-opinjoni ta' verifika tal-Awtoritajiet ta' Verifika fir-rigward tal-programmi kollha fl-Istat Membru fis-sena kalendarja preċedenti. Din hija intiża sabiex issaħħaħ il-katina ta' kontabbiltà bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar l-użu tal-fondi tal-UE taħt il-ġestjoni konġunta. L-Istati Membri huma mħeġġa jesprimu opinjoni dwar l-assigurazzjoni pprovduta mis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u li jidentifikaw problemi u jsibu s-soluzzjonijiet għalihom. Is-suċċinti annwali ġew pprovduti għall-ewwel darba fi Frar tal-2008.

Numru żgħir ta' Stati Membri qed jagħmlu aktar, billi jipprovdu **'Dikjarazzjonijiet Nazzjonali'** volontarji fil-livell politiku, li huma suġġetti għall-verifika mill-**Istituzzjonijiet Nazzjonali u Supremi ta' Verifika (SAls)**. Il-Kummissjoni qiegħda tinkoraġġixxi dan l-iżvilupp, peress li tali dikjarazzjonijiet jistgħu joffru kontribuzzjoni sostanzjali fir-rigward tal-livell ta' assicurazzjoni li hija għandha fuq il-funzjonament tas-sistemi nazzjonali. SAls jikkooperaw mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fuq żewġ livelli prinċipali: 1) il-laqqgħat regolari tal-Kapijiet tal-SAls u l-ECA, u 2) il-laqqgħa bejn il-Kumitat ta' Kuntatt u l-Uffiċjali ta' komunikazzjoni tal-SAI u l-ECA. Il-gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-Kumitat ta' Kuntatt huma l-istrumenti għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni / esperjenzi dwar kwistjonijiet speċifiċi. Iktar informazzjoni tinstab fuq is-sit elettroniku tal-Qorti².

² <http://eca.europa.eu/portal/page/portal/cooperation>

Ex post – is-saff ta' protezzjoni tal-għeluq tal-programm

Fit-tmiem tal-perijodu tal-programm, l-Awtorità ta' Verifika tirrevedi x-xogħol ta' verifika mwettaq u toħroġ opinjoni fejn tivvaluta il-preċiżjoni u l-konformità mar-regoli u l-kundizzjonijiet tal-ispiża ddikjarata mill-programm fid-dikjarazzjoni finali tal-ispiża. Fir-rapport tal-għeluq, l-Awtorità ta' Verifika tagħti dettalji dwar l-azzjoni meħuda sabiex jitjiebu s-sistemi u tiġi kkoreġuta l-ispiża irregolari b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet b'segwitu tax-xogħol ta' verifika tagħha jew dak tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-Kummissjoni tiskrutinizza bir-reqqa d-dikjarazzjonijiet tal-għeluq kollha u jekk ikun neċessarju titlob informazzjoni ulterjuri jew t-twettiq ta' aktar xogħol ta' verifika. Wara l-għeluq, hija tista' twettaq verifiki fuq kampjuni ta' programmi.

Dokumenti ta' apoġġ għandhom jinżammu aċċessibbli għall-verifika mill-Kummissjoni, OLAF jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għal tliet snin wara l-għeluq, jiġifieri, sal-2017/18, bl-eċċezzjoni ta' meta tkun intużat il-proċedura ta' għeluq parzjali, li tnaqqas il-perijodu taż-żamma tad-dokumenti għal operazzjonijiet magħluqa koperti mid-dikjarazzjoni ta' għeluq parzjali.



5

X'jiġri meta jitfaċċaw il-problemi?

5.1 Il-korrezzjoni tal-irregolaritajiet taqg' taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru

In-nuqqas ta' konformità mar-regoli jew kundizzjonijiet marbuta mal-fondi tal-UE, normalment jiddiskwalifikaw mir-rifużjoni l-ispiża fuq proġett jew jirrenduha 'irregolari'. Il-benefiċjarju jista' mbagħad jiġi mgieġhel iħallas lura l-għotja li jkun irċieva, parzjalment jew fl-intier tagħha, skond in-natura u s-serjeta' tal-irregolarità.

Tali 'irregolaritajiet' jiġu kkoreġuti billi titneħħa l-ispiża irregolari mit-talba għall-ħlas ippreżentata lill-Kummissjoni u billi tiġi ikkanċellata u rkuprata l-għotja mill-benefiċjarju. L-Awtoritajiet tal-Istat Membru huma fl-ewwel lok responsabbli għall-korrezzjoni u l-irkupri. Il-Kummissjoni tintervjeni biss meta tistabilixxi li l-ispiża rregolari ma tkunx ġiet korretta jew is-sistema ta' kontroll ta' xi programm ma tkunx qiegħda tiffunzjona, bir-riskju konsegwenti li l-irregolaritajiet ma jkunux qed jiġu nnotati.

Meta l-awtoritajiet nazzjonali jinnottaw u jikkoreġu irregolarità, huma jistgħu jerġgħu jużaw il-fondi rilaxxati għal proġetti oħra. Dan huwa inċentiv għall-Istati Membri sabiex ikollhom sistemi effettivi. Jekk il-Kummissjoni jkollha tagħmel korrezzjoni, din tinvolvi riduzzjoni netta fil-finanzjament tal-UE tal-programm.

Irregolaritajiet

Irregolaritajiet tipiċi jinkludu nuqqas ta' dokumenti ta' appoġġ (pereżempju, records tal-ħin tal-persunal, riċevuti jew overhead allocation keys) li għandhom jinżammu għal għanijiet tal-proċess ta' verifika, tnaqqis fid-dħul mill-ispiża tal-proġett, l-inklużjoni ta' spiża mhux eliġibbli, bħal VAT li jkun rikoverabbli, u ksur tar-rekwiżiti tat-tendering.

Huma biss minorità daww l-irregolaritajiet' li jinvolvu l-frodi; il-maġġoranza tagħhom huma r-riżultat ta' negliġenza u nuqqas ta' familjarità mar-regoli. Huwa minħabba dan li l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni huma rikjesti, meta jagħtu finanzjament għal proġett, li jkunu ċerti li l-benefiċjarji jkunu jafu sewwa l-kundizzjonijiet tal-finanzjament u jkollhom il-kapaċità li jiġġestixxu u jwettqu l-proġett.

Rappurtar tal-irregolaritajiet u korrezzjonijiet finanzjarji

L-Istati Membri huma rikjesti li jirrapportaw każijiet ta' irregolaritajiet li jinvolvu aktar minn €10 000 ta' fondi tal-UE, f'intervalli ta' erba' darbiet fis-sena lill-Uffiċċju tal-Kummissjoni għall-prevenzjoni tal-frodi, OLAF. Darba fis-sena għandhom ukoll jipprovdu lill-Kummissjoni b' figuri aggregati fuq il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri kollha li jkunu wettqu fis-sena preċedenti, inklużi dawk taħt il-livell li jeżiġi li jiġu rapportati lill-OLAF.

It-tendenzi fl-irregolaritajiet rappurtati jiġu analizzati fir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità taħt l-Artikolu 280 tat-Trattat. Il-Kummissjoni tippubblika wkoll il-figuri tal-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa mill-Istati Membri. Dawn il-figuri jipprovdu evidenza li s-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri qed jiffunzjonaw b'mod effettiv.

5.2 X'jiġri jekk il-Kummissjoni tinnota nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll ?

Meta l-Kummissjoni jkollha evidenza sinifikanti ta' defiċjenzi fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri jew ta' irregolaritajiet fir-rigward ta' talbiet għall-ħlas partikolari li Stat Membru jkun naqas li jipprevjeni, jinnota jew jikkoreġi, hija tista' tinterrompi jew formalment tissospendi pagamenti għall-programm inkwistjoni jew tiftaħ proċedura ta' korrezzjoni finanzjarja.

Interruzzjoni u sospensjoni ta' pagamenti

Hekk kif ikun hemm evidenza li tissuġġerixxi dgħufija serja fis-sistema, id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat għall-Politika Reġjonali jew għall-Impjieġ, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Ugwali, jista' jordna interuzzjoni tal-pagamenti għal perijodu mhux rinnovabbli ta' sitt xhur. Il-pagamenti jkomplu ladarba l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri neċessarji ta' rimedju.

Sospensjoni tal-pagamenti tirrikjedi deċiżjoni formali mill-Kummissjoni u tista' titkompla għal perijodu indefinit.

Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

Jekk Stat Membru jonqos milli jikkoreġi l-irregolarità jew milli jirrimedja id-defiċjenza fis-sistema, il-Kummissjoni tista' tapplika korrezzjoni finanzjarja b'deċiżjoni formali. Tali deċiżjonijiet dejjem jirriżultaw f'riduzzjoni netta fil-finanzjament tal-UE tal-programm, jiġifieri l-Istat Membru ma jistax jerġa' juża il-fondi tal-UE li jkunu ġew kkanċellati għal proġetti oħra.

Il-Kummissjoni tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fuq bażi kkalkolata għal żbalji sistematiċi u korrezzjonijiet flat-rate għal nuqqasijiet tas-sistema jew irregolaritajiet li l-impatt finanzjarju tagħhom huwa diffiċli li jiġi kwantifikat, pereżempju fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

Fil-perijodu 2000-06 (u anke sal-aħħar tal-2008) saru korrezzjonijiet finanzjarji ta' €3.15 biljun b'riżultat tax-xogħol ta' verifika tal-Kummissjoni, OLAF u l-Qorti tal-Awdituri, li minnhom €2.6 biljun ġew aċċettati mill-Istati Membri u implimentati minnhom, filwaqt li l-bqija ta' €0.55 biljun ġew applikati b'deċiżjoni formali tal-Kummissjoni.

Is-sistema għall-Politika ta' Koeżjoni Kif tiffunzjona fil-perijodu tal-baġit 2007-13

Sabiex issir taf aktar...

Informazzjoni dettaljata ulterjuri dwar is-sistema ta' kontroll għall-Politika ta' Koeżjoni u oqsma relatati tinstab fi http://ec.europa.eu/dgs/regional_policy/index_mt.htm

Kummissjoni Ewropea, Direttorat-Ġenerali għall-Politika Reġjonali
Unit B.1 – Komunikazzjoni, Informazzjoni u Relazzjonijiet ma' Pajjiżi Terzi
Raphaël Goulet
Avenue de Tervuren 41, B-1040 Brussels
Fax (32-2) 29-66003
E-mail: regio-info@ec.europa.eu
Internet: http://ec.europa.eu/regional_policy/index_mt.htm



I-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-09204-6



9 789279 092046